# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta
e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com
Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin

Ottubru 2022 Ħarġa Nru 24

**Kumitat 2020**

**President**
Adrian Schinas

**Viċi-President**
Valent Xuereb

**Segretarju**
Nardu Agius

**Asst. Segretarju u PRO**
Norbert Gingell

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Assistent Teżorier**
Owen Caruana

## EDITORJAL

Għeżież Membri u Ħbieb,

Erġajna se niltaqgħu wara sajf twil u daqsxejn kiefer. Nerġgħu nibdew bl-attivitajiet ta' kull xahar. U din l-ewwel attivita se tkun nhar il-Ħadd 30 t'Ottubru. Ser inżuru l-kappella tal-Lunzjata f'Wied Liemu, limiti tar-Rabat. Din il-kappella, immexxja mill-Patrijiet Karmelitani tal-Imdina, tintuża għal irtiri u attivitajiet oħra reliġjużi.

Aktar dettalji jingħataw mis-Segretarju permezz ta' Ċirkolari. Inħeġġukom biex tattendu u ġġibu magħkom xi ħbieb ukoll. Narawkom mela.

*N. Gingell*
*Għal Kumitat*

## ATTIVITÀ GĦAL OTTUBRU:

**KAPPELLA TAL-LUNZJATA , F'WIED LIEMU, LIMITI TAR-RABAT**

**NIBDEW B' QUDDIESA, U WARA TINGĦAD L-ISTORJA U NZURU L - KAPPELLA U L-KUMPLESS.**

## IL-KAPPELLA TA' SAN ĠAKBU – Rabat, Għawdex



Il-kappella ta' San Ġakbu tinsab fil-pjazza tat-Tokk fir-Rabat. Mill-viżta ta' Mons. Pietru Dusina (1575) jirriżulta li mal-ġnub ta' din il-kappella kien hemm tnejn oħra: waħda ddedikata lis-Salib Imqaddes u l-oħra lil San Mark. Josserva wkoll li dak iż-żmien, din il-kappella kienet isservi bħala parroċċa għal matul il-lejl. Mons. P. Dusina sab li din il-kappella kienet sofriet ħafna ħsarat wara ħbit tat-Torok u ġiet ipprofanata.

Din hija knisja qadima u tmur lura għas-seklu XV. Achille Ferris (1866) jgħidilna li kienet inbniet fuq fdalijiet ta' knisja oħra bl-għajnuna ta' wieħed magħruf bħala 'Ta' Lampiċ" li kien jismu Ġakbu. Dan Ġakbu kien jgħid li kien deherlu San Ġakbu u qallu biex jibni kappella fil-post fejn narawha llum.

## IL-KAPPELLA TA' SAN ĠAKBU – Rabat, Għawdex

Billi ma kellux flus, biegħ id-dar li kellu biex wettaq ix-xewqa tal-qaddis, iżda ma kellux ix-xorti li jara l-knisja lesta qabel ma jmut. Il-bini tal-knisja waqaf għal xi żmien minħabba nuqqas ta' fondi. Il-Gran Mastru Ramon Despuig kien ordna lill-Università toħroġ 200 skud, u bil-fondi min-nies tal-post fl-1740 tlestiet u f'Jannar tal-1742 tbierket.




Fl-1979 din il-kappella ġarbet ħsarat meta kien qiegħed isir xogħol strutturali viċin tagħha. Minħabba f'hekk il-parti ta' quddiem kellha titwaqqa' u terġa' tinbena.

Il-knisja għandha faċċata mdaqqsa b'erba' pilastri klassiċi u entablatura b'salib. Fuq il-bieb għandha gallarija. Il-kampnar, li jieħu tlett iqniepen, qiegħed fuq ix-xellug tal-knisja u quddiemha hemm zuntier.



Illum il-knisja għandha artal wieħed, meta qabel kellha tnejn oħra laterali. It-titular, juri lil San Ġakbu bejn żewġ puttini – wieħed fuq ix-xellug tiegħu, u l-ieħor in-naħa l-oħra isfel iżomm il-mappa ta'



Malta u Għawdex. Fuq fil-perspettiva hemm miktub bil-latin *Insulis Protege*.

Hemm żewġ kwadri oħra, wieħed ta' Santa Teresa t'Avila u l-ieħor ta' Santa Rosa ta' Lima, li flimkien mal-ieħor ta' Santa Barbara kienu fuq iż-żewġ artali laterali li kien hemm qabel.



It-tnejn huma xoghol ta' Francesco Zahra.

F'din il-kappella hemm devozzjoni kbira lejn il-Madonna tad-Duluri. Il-knisja hija miżmuma f'kundizzjoni tajba.

***Kitba ta' Louis Fenech***

***Din il-kitba saret fuq riċerka minn diversi kotba**, artikli u mill-Internet.*

*Ritratti: N Gingell*

## Il-Knisja tat-Twelid tal-Madonna - ('Ta' Savina') – Rabat, Għawdex



Fil-qalba tar-Rabat, Għawdex insibu knisja ddedikata lit-Twelid tal-Madonna (festa liturġika 8 ta' Settembru) u hi aktar magħrufa bħala 'Ta' Savina'.

Il-knisja oriġinali kienet waħda mill-ewwel knejjes li nbnew f'Għawdex, tant hu hekk li fl-1479 insibu li tissemma f'atti notarili.Din il-knisja ġieli serviet bħala parroċċa għal matul il-lejl meta l-bibien tal-Kastel kienu jingħalqu minħabba xi ħbit mit-Torok u għalhekk il-Matriċi kienet tkun magħluqa ġewwa l-Kastel.



Il-knisja li naraw illum inbniet fil-bidu tas-seklu għoxrin wara li l-pjanti tagħha kienu ġew approvati mill-Kapitlu tal-Katidral. Ġiet ikkonsagrata fis-17 ta' Frar 1904. Ftit snin wara reġgħet ġiet imkabbra u kienet ġiet inawgurata mid-Delegattal-Papa l-Kardinal Domenico Ferrata li kien ġie Malta għall-Kungress Ewkaristiku li kien sar f'Malta fl-1913. Mons Luigi Vella, li kien irsista sabiex din il-knisja terġa' tinbena u tkun tista' sservi sabiex fiha jkun hemm l-Adorazzjoni Perpetwa, kien inħatar bħala l-ewwel Rettur tagħha.



Il-knisja titla' għaliha b'set ta' sitt tarġiet fit-tond u l-faċċata fiha żewġ settijiet ta' pilastri li jinfirdu b'entablatura u friż li fuqu hemm miktub *'Venite Adoremus Dnum'*.




Aktar 'il fuq hemm niċċa bi statwa ta' Ġesù jżomm kalċi f'idu. Fuq nett hemm kampnar bi tlettiqniepen. Fuq il-bieb hemm *alto reliev* tal-Ħaruf mixħut fuq ktieb u taħtu hemm miktub *'Ecce Agnus Dei'*.

## Il-Knisja tat-Twelid tal-Madonna - ('Ta' Savina') – Rabat, Għawdex

Il-knisja fuq ġewwa hija eleganti ħafna. L-artal maġġur, li hu tal-irħam, hemm fuqu ġilandra li fiha jkun hemm is-sagrament espost matul il-ħin kollu tal-ġurnata għall-qima tal-pubbliku.



It-titular, li huwa sabiħ ħafna u li sar fl-1622 minn pittur mhux magħruf, minbarra li juri t-Twelid tal-Madonna tidher ukoll Santa Sabina. Dan il-kwadru kien mogħti mill-Gvernatur ta' Għawdex Fra Riccardo de Nini Claret. Il-presbiterju huwa mdawwar bi grada tal-ħadid. 'Il fuq hemm koppla baxxa magħluqa bi *stained glass* turi żewġ anġli għarkupptejhom quddiem ostensorju, u mad-dawra hemm miktub *'Venite Adoremus Dominum'*.

Is-saqaf huwa ċatt u għoli, iżda għandu forom ta' kaxxi skulturati. Fuq naħa waħda tal-knisja hemm tlett itwieqi tondi biex idawwlu l-knisja.



Il-knisja hija miżmuma tajjeb ħafna u miftuħa il-ġimgħa kollha għal Adorazzjoni Perpetwa, inklużi fil-Ħdud u l-festi.

Karolina Cauchi u l-kuġina tagħha ħadmu ħafna sabiex il-kongregazzjoni tas-sorijiet Dumnikani jkollhom kunvent fir-Rabat. Dan il-għan intlaħaq f'Ottubru

***Kitba ta' Louis Fenech***

***Din il-kitba saret fuq riċerka minn diversi kotba**, artikli u mill-Internet.*

*Ritratti: N Gingell*

## IS-SANTWARJU TAL-MADONNATA' POMPEJ – Rabat, Għawdex



Karolina Cauchi u l-kuġina tagħha ħadmu ħafna sabiex il-kongregazzjoni tas-sorijiet Dumnikani jkollhom kunvent fir-Rabat. Dan il-għan intlaħaq f'Ottubru 1889. Għall-ewwel dawn kienu jużaw kamra bħala kappella. Il-ħsieb li jinbena kunvent u knisja miegħu mbuttatura 'l quddiem meta Karolina ħalliet ġidha kollu għal dan il-għan.

Fl-10 ta' Marzu 1895 tqiegħdet l-ewwel ġebla, li tbierket mill-Isqof Ġwanni Marija Camilleri, sabiex b'hekk ingħata bidu għall-bini tal-kunvent u l-knisja. Il-perit Vincenzo Mercieca għamel il-pjanti. Luigi Vella miż-Żebbuġ kien l-imgħallem għax-xogħol tal-bini.

## IS-SANTWARJU TAL-MADONNATA' POMPEJ – Rabat, Għawdex

Il-ħlas għall-bini sar bil-ġbir u għotjiet ta' nies li riedu li jitla' dan il-kunvent, tant li mill-ewwel inġabret is-somma ta' madwar sitt mitt lira. Aktar minn hekk tajjeb li wieħed isemmi li sar arbural biex jinġabru żewġ soldi minn kull familja Għawdxija. Il-ġbir ta' flus għal dan il-proġett, li kien jiswa ħafna flus, sar ukoll f'Malta.



Il-knisja għandha għamla kwadra u tikkonsisti f'kor u żewġ kappelluni. Minn fuq erba' pilastri titla' l-koppla. Kemm din il-koppla kif ukoll f'partijiet oħra tal-knisja huma mżejna bi skultura fil-ġebla.




Għall-ewwel kien hemm il-ħsieb li din il-knisja tkun iddedikata lill-Madonna tar-Rużarju, imma aktar tard ġie deċiż li tkun iddedikata lill-Madonna ta' Pompej. Fuq l-artal maġġur, li hu tal-irħam, bejn żewġ pilastri doppji ta' stil Joniku, insibu l-kwadru titulari li huwa xogħol Lazzaro Pisani. Dan juri l-Madonna b'libsa ħamra u b'mant kaħlani nieżel fuq spallitha l-leminija, filwaqt li bilqiegħda f'ħoġorha hemm il-Bambin li qed jagħti kuruna tar-rużarju lil San Duminku u l-Madonna qed tagħti oħra lil Santa Roża. L-istellar madwar il-Madonna żdied fl-1901. Fis-16 t'Ottubru 1966 dan it-titular ġie inkurunat mill-Isqof Ġużeppi Pace.



Lazzaro Pisani, għal din il-knisja pitter il-kwadru ta' San Ġużepp kif ukoll il-kwadri ta' dawn il-qaddisin: San Duminku, San Vinċenz Ferrer, San Tumas d'Aquino – li ġew imħallsa minn benefatturi.

Fuq il-bieb minn ġewwa hemm gallarija tal-orgni. Mal-ġnub hemm niċeċ li fihom jinsabu statwi ta' diversi qaddisin fosthom statwa tal-Madonna tar-Rużarju li attwalment kienet inħadmet għall-katidral t'Għawdex imma mbagħad kienet ġiet irregalata lil din il-knisja.




***Kitba ta' Louis Fenech***

***Din il-kitba saret fuq riċerka minn diversi kotba**, artikli u mill-Internet.*

*Ritratti: N Gingell*

# IL-KNISJA TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA – Rabat, Għawdex



Il-knisja tal-Madonna tal-Grazzja, kif ukoll il-kunvent tal-Kapuċċini, jinsabu fit-triq li mir-Rabat t'Għawdex tieħu għal Marsalforn, fl-inħawi magħruf bħal 'Fomm il-Ġir'.

Fis-sit fejn inbnew il-knisja u l-kunvent kien hemm kappella ddedikata lil Sant'Agata, iżda bit-tħarbit tal-attakki tal-furbani din iġġarfet u fl-1615 inbniet kappella oħra li ġiet iddedikata lill-Madonna.

Għalkemm diġà kien hemm devozzjoni lejn il-Madonna tal-Grazzja, kellu jkun it-terremot ta' Jannar 1693 li kompla jħeġġeġ din id-devozzjoni għaliex dak inhar l-Għawdxin irrikorrew lejha b'ħerqa kbira.

Jingħad li meta l-patrijiet Kapuċċini kienu qed jaraw fejn setgħu jibnu knisja u kunvent, marru fil-post fejn kien hemm kappella f'Fomm il-Ġir, imma m'għoġobhomx. Inzerta li dak il-waqt kien hemm mara xwejħa li nsistiet magħhom sabiex jibnu l-knisja f'dak il-post għaliex, skont hi, kull filgħaxija fl-*Ave Maria* kienet tilmaħ patrijiet bid-daqna bħalhom deħlin jitolbu fil-kappella. Dawk il-patrijiet ippruvaw ifehmuha li qabel ma ġew huma ma kienx hemm patrijiet Kapuċċini f'Għawdex, imma aktar tard aċċettaw li għandha mnejn kienet il-Madonna li għażlet il-post fejn jinbnew il-knisja u l-kunvent li kellhom fi ħsiebhom.

Fis-17 ta' Lulju 1737 tbierket l-ewwel ġebla mill-Isqof Paolo Alpheran de Bussan. Il-pjanta għamilha l-Kapuċċin Fra Ġużeppi mill-Isla. Tlettax-il sena wara, fil-5 t'Ottubru 1755, il-knisja ġiet ikkonsagrata mill-istess Isqof.

Il-knisja għandha portiku b'ħames arkati, tlieta quddiem u tnejn fil-ġnub, faċċata sempliċi, b'żewġ pilastri fuq kull naħa. Tieqa kbira ftit 'l fuq mill-arkata tan-nofs u pediment b'salib tal-ġebel bejn żewġ statwi u kampnar fil-ġenb.



Fuq l-artal maġġur hemm it-titular tal-Madonna tal-Grazzja, xogħol ta' Stefano Erardi, li ġie nkurunat solennement mill-Isqof Ġużeppi Pace fis-27 ta' Jannar 1952.

Taħt il-knisja hemm kripta fejn indifnu benefatturi u membri tal-komunità Kapuċċina fosthom Fra Baskal miż-Żebbuġ, Għawdex, li miet b'fama ta' qdusija. Kien għalhekk li fis-6 t'April 1953, il-fdalijiet ta' dan il-Fra, inqalgħu minn qabru u tqiegħdu f'urna taż-żingu fil-preżenza tal-Isqof t'Għawdex Mons. Ġ. Pace, tal-Provinċjal tal-Kapuċċini Patri Pietru Mamo u b'xhieda ta' dan kien hemm Dr Anton Tabone, Tabib Prinċipali għal Għawdex u Dr Edgar Montanaro, Kummissarju għal Għawdex. Dan l-avveniment hu mfakkar f'kuntratt ppubblikat minn Nutar Francesco Refalo.





Fra Baskal
(*Giovanni Battista  Conti)*



San Felic ta' Cantalice
*(Filippo Venuti)*





San Fran[isk t'Assisi
*(Guzeppi Cali)*



San Antnin ta' Padova
*(Rokku Buhagiar)*









# TERMINI TAL-ARKITETTURA EKKLESJASTIKA

*Kitba Martin Morana*



**KORSIJA** L-ispazju passaġġuż tan-nava ta' nofs il-knisja li mill-bieb ta' barra jwassal sal-presbiterju.



**KWADRETT/I** Panew jew pannell. Ċerti soqfa troll tal-knejjes huma ddekorati bi kwantità kbira ta' kwaderetti. Insibu bosta knejjes b'dan it-tip ta' dekorazzjoni fis-saqaf troll. L-aktar eżempju majjestuż insibuh fir-Rotunda tal-Mosta għax hemm mijiet minnhom. E.B. Vella (1930) jirreferi għal żewġ tipi ta' kwadretti, dawk żgħar li hemm mal-koppla u dawk kbar li hemm mal-arzelli tal-kappelluni.



**LANTERNA** Il-parti l-aktar għolja tal-knisja li sserraħ fuq il-koppla. Din tista' tkun magħmula kemm mill-ġebel kif ukoll minn materjal ieħor eħfef, bħal gwarniċ tal-metall u twieqi tal-ħġieġ. Bosta drabi il-lanterna sservi biex mit-twieqi tagħha jidħol id-dawl tax-xemx għal nofs il-knisja.



**LUNETTA** Spazju mal-ħajt imdawwar bi gwarniċ forma ta' nofs qamar. Il-lunetti norm. insibuhuhom fil-kappelluni u fil-kappelli laterali. F'dan l-ispazju tkun impinġijja xena li għandha x'taqsam ma' xi qaddis/a relatat/a mad-devozzjoni ta' dik il-kappella jew knisja.

*Ritratti: Joe Morana*